MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 340/2014

**M. Demajo (Wines & Spirits) Limited [C-2521]**

**Vs**

**Lineae Limited [C-9141]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fit-22 ta' Mejju, 2014** u li permezz taghha talbet lis-socjeta intimata thallasha s-somma ta' elf seba' mija u hmistax-il euro u sebghin ċenteżmu ta' euro [€1,715.70c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attriċi fis-somma ta' elf, seba' mija u hmistax il-Ewro u sebghin ċenteżmi (€1,715.70) rappreżentanti bilanċ ta' prezz ta' merkanzija, preċiżament xorb, mibjugha u kkonsenjata lill-istess soċjetà konvenuta fuq struzzjonijiet

taghha stes, u dana kif jirrizulta mill-anness prospett immarkat (Dok. A), oltre l-imghax legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Illi s-socjeta konvenuta ġiet interpellata sabiex thallas din is-somma iżda baqghet inadempjenti.

Ghaldaqstant is-socjeta konvenuta ghandha tiġi kkundannata thallas lis-socjeta attriċi l-imsemmija somma ta' elf, seba' mija u hmistax il-Ewro u sebghin ċenteżmi (€1,715.70) u dana oltre l-imghaxx legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv u l-ispejjez u d-drittijiet ta' dawn il-proceduri inklużi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma dan l-Avviz, kontra s-socjeta konvenuta mil-llum ingunta ghas-subizzjoni".

Ra li s-socjeta intimata giet debitament notifikata fit-28 ta' Mejju, 2014 u li ma deheritx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

Ra l-verbal datat 18 ta' Gunju, 2014 fejn Dr. Karl Briffa ddikjara li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talab lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza a tenur tal-artikoli 9 u 13 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, liema talba t-Tribunal laqa'.

Semgha x-xhieda ta' Anthony Rossi rapprezentant tas-socjeta rikorrenti.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand is-socjeta intimata tas-somma ta’ €1,715.70c rapprezentanti din is-somma bilanċ ta’ prezz ta’ merkanzija, preċiżament xorb, mibjugha u kkonsenjata lill-istess soċjetà konvenuta fuq struzzjonijiet taghha stess.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentant tas-socjeta rikorrenti Anthony Rossi xehed llum stess li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ta’ €1,715.70c ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta intimata.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta’ l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta’ Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema’ u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

4. Imbaghad il-paragrafu (b) ta’ l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

(b) *Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

5. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimata f'kaz li din ma tidhirx quddiemu.

6. Fil-kaz odjern, is-socjeta intimata giet notifikata fit-28 ta' Mejju, 2014 u baqghet ma deheritx ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal illum.

7. Jirrizulta li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mis-socjeta rikorrenti ma ghandux mis-sewwa.

8. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti huwa dovut mis-socjeta intimata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf seba' mija u hmistax-il euro u sebghin ċenteżmu ta' euro [€1,715.70c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjez huma kollha a kariku tas-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------